MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-7 ta' Frar, 2011

Numru 67/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**
**Vs**
**Joseph Pace**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Joseph Pace ta' wiehed u erbgin sena (41) sena, bin Salvino u Rosaria neè Blanco, imwieled Pietà nhar is-16 ta' Novembru 1963 u residenti 25, Sea Garage, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Bahar, detentur tal-Karta ta' 1-Identità bin-Numru 623063(M) talli f’ dawn il-Gzejjer, nhar il-5 ta' Frar 2011, gewwa San Pawl il-Bahar, kif ukoll f’ dawn 1-ahhar xahrejn, f’ hinijiet differenti f’diversi postijiet madwar Malta:

1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga *Kokaina,* specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicni Perikoluzi, Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i, jew ghall-persuna/i, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien

awtorizzat bir-regoli tal-1939, ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939), jew minn xi awtorità moghtija mill-President ta' Malta, li jfornu d-droga msemmija, minghajr ma' kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-6 taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma' kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma' kellu licenzja li jipprokura 1-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939, ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta, liema reat sar fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zaghzagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqaw iz-zaghzagh skond 1-artikolu 22 (2 b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta Malta;

2. Biegh jew xort' ohra ttraffika r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dina r-raza, u dan bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta

3. kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghal-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni id-droga msemmijja u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmijja fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmijja giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmijja u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f' tali cirkustanzi li kienu juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

4. kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din

ir-raza bi ksur ta' 1-Art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga instabet f'tali cirkustanzi li kienu juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.
Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra t'esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ma tistax ghajr li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena hadet in konsiderazzjoni l-kwantità ta' droga misjuba fil-pussess ta' l-imputat izda anke l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat kif ukoll il-fatt li l-istess imputat ikkopera mal-Pulizija;

Ghalhekk wara li rat u kkunsidrat l-Art. 8(a) u l-Art.22(2)(b)(i) tal-Kap.101tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' erba' (4) snin b'effett millum **u** ghall-hlas ta' multa ta' tlett elef Euro (€3,000), b'dana li l-imsemmija multa ghandha tithallas mill-imputat wara li jiskonta l-piena ta' prigunerija imposta b'din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna li d-drogi misjuba fil-pussess ta' l-imputat jigu konfiskati favur il-Gvern u konsegwentement jigu distrutti.

In fine l-Qorti taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Habs sabiex l-imputat jinghata l-kura mehtiega minhabba

l-vizzju tad-droga li ghandu. Ghal dan il-ghan kopja ta’ din is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------